MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Rikors Numru. 4/1998/1

Rikors Nru: 4/1998

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Constellation  Trading Company Limited

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fit-28 ta' Jannar 1998  fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 7 ta' Marzu, 1997 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'Marsaxlokk tal-kejl ta' 764 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofs-in-Nhar ma' proprjeta' ta' Constellation Trading Company Limited

u mil-Lvant ma' proprjeta' ta' L.J. Ltd huwa ta' tlett mija u sebghin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm370.52) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick V Valentino A&C.E. tal-10 ta' Novembru, 1996 li kopja tieghu hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-20 t'Awissu 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fid-9 ta' Novembru, 1998 fejn esponiet:

Illi l- kumpens offert ghax-xiri asoslut tal-porzjon art f'Marsaxlokk riferita mill-Kummissarju ta' l-Artijiet ma jirrapprezentax il-valur gust u reali pagabbli skond il-ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ikkunsidra:

1. Fir-risposta ma jissemma l-ebda ammont ta' kumpens. Meta saret emenda fil-ligi (ara Artikolu. 22(6)) dan in-nuqqas ma kien igib l-ebda nullita' u haga li hi valida meta ssir ma tistax tigi wara kunsidrata nulla.

2. Il-partijiet jaqblu li l-art hija agrikola (ara xhieda tal-AIC Frederick Valentino u fol 59, stima ta’ l-AIC Joe Cassar u xhieda ta’ l-istess perit). Ir-rikorrent qed joffri kumpens ta’ Lm370.52c. L-intimati qed jitolbu sa fejn jista’ jghid il-Bord u l-periti minnu mahtura Lm6800 (fir-rapport tal-periti zdied zero, zgur bi zball).

3. Il-periti wara li raw il-ligi b’mod specjali l-artikolu 27 stmaw l-art, bhala wahda agrikola fl-ammont ta’ Lm1700.

4. Ghalhekk ghall-Bord il-kumpens dovut hu ta’ Lm 1700. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Il-Bord jordna lis-socjeta’ intimata tittrasferixxi lir-rikorrenti b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art f’Marsaxlokk tal-kejl ta’ 764metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofs-in-Nhar ma’ proprjeta’ ta’ Constellation Trading Company Limited u mil-Lvant ma’ proprjeta’ ta’ L.J. Ltd bil-kumpens ta’ Lm1700;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fid-29 ta’ Novembru 2006 fid-9:00a.m fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dottor Stefano Filletti biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci u ghal dan il-ghan ghandu jigi mgharraf mir-rikorrent; l-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------